SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 06-12

Ilum it-Tnejn, 24 ta' Settembru 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija f' 12.00p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 05-02 li saret nhar it-Tnejn, 20 ta' Awissu 2012 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Resurfacing ta' Toroq*

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa jekk kienx hemm xi progress fix-xogħolijiet fuq it-toroq. Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Triq Ġuljetta Lopez, il-kuntrattur għaddej bil-preparamenti tal-permessi neċessarji. Fir-rigward ta' Triq il-Ġnien huwa qal li l-periti ħejjew *survey* tal-livelli eżistenti tat-triq.

## 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-20 ta' Awissu 2012 u l-24 ta' Settembru 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0987/12/O – Chairman – Malta Resource Authority
- 1038/12/O – Gafa Saveways Ltd. – *Letter of Acceptance*
- 1039/12/O – Sidien tal-Ħwienet fi Triq Ineż Soler – Rimi ta' kaxxi tal-kartun
- 1061/12/O – Ms Mc Namara – ittra ta' awguri u apprezzament
- 1065/12/O – Frank Borda Ltd. – *Letter of Acceptance*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1052/12/I – Father Joseph Pace – Ordinazzjoni ta' Djaknu
- 1055/12/I – Lara Vassallo – *Educational & Thinking Skills for Children*
- 1058/12/I – Jim Wightman – *Car Free Day*
- 1074/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 35/2012

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- SLLC *Memo* 16/2012 - Kwotazzjoni: SLLC Q(57/12/07) - *Supply and Installation of Photovoltaic Cells*

- SLLC *Memo* 17/2012 - Proġett ta’ rinovazzjoni ta’ Ġnien is-Serenita’ – Mepa *fees*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1052/12/I is-Sindku tkellem dwar żgħażugħ minn Santa Luċija li kien ser jiġi ordnat Djaknu. Huwa qal li dan huwa l-ewwel żgħażugħ minn din il-lokalita’ li ser jiġi ordnat Djaknu u li kien iħossu onorat li ġie mistieden ikun parrinu tiegħu. Is-Sindku kompla jgħid li tajjeb wieħed jinnota wkoll it-tajjeb li nsiebu fiż-żgħażagħ tagħna u mhux insemmu biss il-ħażin. Il-Kunsill qabel li f’Santa Luċija hawn ħafna żgħażagħ tajbin u jagħtu eżempju tajjeb lil ħaddieħor.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1055/12/I il-Kunsilll qabel li tinġib aktar informazzjoni dwar proposta li qed tagħmel għalliema li qed toffri li tagħmel korsijiet edukattivi għat-tfal. Il-Kunsill qabel li jekk il-Kunsill jaqbel ma’ din il-proposta għandu jinħareġ avviż ta’ nteress u jekk ikun hemm *feedback* tajjeb għandu jisponsorja dawn il-korsijiet.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1058/12/I il-Kunsill qabel li jiddiskuti din il-korrispondenza fil-laqgħa li jmiss.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1074/12/I il-Kunsill iddiskuta *Memo* 35/2012 li titratta dwar skema ta’ impjieg inklussiv fil-komunita’. Il-Kunsill qabel li jaddotta din l-iskema għal żagħżugħ minn Santa Luċija li diġa jagħti servizz lil Kunsill. Is-Segretarja Eżekuttiva ġiet inkarigata tkellem lil ETC dwar din il-proposta.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Applikazzjoni għall-fondi taħt ERDF għal proġett ta' Ċentru Ċiviku*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija. Huwa qal li issa din is-sejħa hija miftuħa u Heritage Enterprise qed jgħinu lil Kunsill fil-preparazzjoni ta' l-applikazzjoni għall-fondi li tagħlaq f' nofs inhar tat-Tnejn, 29 ta' Ottubru 2012. Is-Sindku kompla jgħid li bħalissa l-Kunsill qed jikkonċentra fuq il-permess tal-Mepa tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku u fuq il-ko-finanzjament ta' dan il-proġett.

### 4.2 *Skema Addotta Nannu*

Il-Kunsill iddiskuta *draft* ta' rapport li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv dwar din l-Iskema u l-formoli ta' applikazzjonijiet li permezz tagħhom wieħed ikun jista' jipparteċipa. Saru xi emendi u r-rapport ġie approvat kif emendat. Il-Kunsill qabel li jintroduċi din l-inizjattiva mar-residenti permess ta' *mail shot* li għandha tintbagħt f'kull residenza fil-lokalita'.

### 4.3 *Attivitajiet tal-Milied*

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li jistgħu jittellgħu waqt il-ġranet ta' festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena. Ġew approvati diversi inizjattivi fosthom dawn li ġejjin:

- jinxtegħlu l-pjazez u x-*shopping centres* b'dawl dekorattiv
- fit-13 ta' Diċembru 2012 isir pellegrinaġġ mill-Kappella ta' Santa Luċija sal-Knisja Parrokkjali San Piju X. Din l-attivita' għandha tiġi kkordinata mal-Kappillan
- tittella' attivita' soċjali għall-anzjani
- jinġiebu baned Maltin biex idoqqu *Christmas Carols* fit-toroq ta' Santa Luċija.

### 4.4 *Servizz ta' ġbir ta' skart*

Il-Kunsill iddiskuta l-andament tas-servizz ta' ġbir ta' skart f'Santa Luċija. Ġew identifikati l-problemi marbuta ma' dan is-servizz u saru diversi proposti kif dawn jistgħu jiġu ndirizzati. Fost oħrajn issemmiet il-possibilita' li jerġgħu jiġu ntrodotti *bins on wheels* f'dawk l-*areas* li jitqiesu bħala *hot spots*. Dawn il-*bins* ikunu jistgħu jintużaw biss minn residenti li jgħixu fl-appartamenti. Suġġeriment ieħor kien li jinxtaw *bins* żgħar għar-residenti li joqgħodu fid-djar peress li l-boroż suwed faċilment jitqattgħu mill-klieb, qtates u anki ġrieden. Il-Kunsill qabel li jistudja sew is-sitwazzjoni qabel jasal għal konklużjonijiet.

Intant il-Viċi Sindku ppropona li l-kaxxa l-ħadra li hemm fi Triq il-Lellux tersaq ftit.

### 4.5 *Servizz tal-knis ta' toroq*

Il-Kunsill iddiskuta wkoll is-servizz tal-knis ta' toroq. Ġie nnutat li qed ikun hemm xi nuqqasijiet fis-servizz li qed jingħata u li l-kennies mhux dejjem qed iżomm ma' l-iskeda ta' xogħol li hemm fil-kuntratt. Saret referenza għall-*paper bins* u l-fatt li dawn mhux qed ikollhom boroż suwed fihom. Ġie nnutat ukoll li hemm bżonn li jitwaħħlu aktar *paper bins* speċjalment fl-*area* tal-Klabb tal-*Football*. Filfatt il-Kunsill qabel li jsir eżerċizzju biex jiġu identifikati l-*areas* fejn hemm bżonn ta' aktar *bins* ħalli jkun jista' jtaffi l-problema ta' *containers* ta' l-ikel li jintremew barra.

### 4.6 *Xiri ta' photocopier għal-librerija pubblika*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għal xiri ta' *photocopier* għal-librerija pubblika. Hija qalet li l-kwotazzjoni kienet għas-somma ta' €499 li kienet l-orħos fost il-kwotazzjonijiet li nġabru u li ġew wkoll ippreżentati waqt din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li parti minn din l-ispiża ser tiġi rkuprata taħt l-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal-libreriji pubbliċi.

### 4.7 *Attivita' mill-Aġenzija Appoġġ fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Aġenzija Appoġġ kienet ser ittella' attivita' fi Ġnien is-Serenita' bejn is-7 u l-14 ta' Ottubru 2012. Huwa qal li din l-attivita' bl-isem ta' "It-Tieġ ta' Mickey u Minnie" ser tkun miftuħa għal pubbliku u ser issir b'risq Puttinu Cares.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4204 sa numru BOV4222 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-20 ta' Awissu 2012 sat-18 ta' Settembru 2012.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 05-12.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Awissu 2012 Ammont *Gross* €4964.17

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | *Extra Serv.* | 100.00 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv. Lulju 12 | 2,864.25 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv. Awissu 12 | 2,878.50 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | Serv. Sett.12 | 73.71 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Serv. Awissu 12 | 1025.20 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. Awissu 12 | 2061.50 |
| Salvu Mifsud | (PCA)57/11/06) | Serv. Awissu 12 | 437.87 |
| Salvu Mifsud | (PCA)57/11/06) | Serv. Settembru12 | 437.87 |

## 6. QUARTERLY REPORTS GĦALL-PERJODU:

**Jannar 2012 – Marzu 2012**
**April 2012 – Ġunju 2012**

Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lis-Sinjura Josianne Debono bħala r-rappreżentant ta' D-Consulta li huma l-accountants il-ġodda tal-Kunsill. Hija qalet li tħejjew ir-rapporti finanzjarji għal perjodi hawn fuq imsemmija u ser jiġu ppreżentati waqt din il-laqgħa. Hija spjegat li l-format tat-*template* li ntużat hija waħda ġdida li ħarġet mid-Dipartiment għall-Gvern lokali.

Is-Sinjura Debono tat rendikont tad-dħul finanzjarju u l-infieq li sar fil-perjodu hawn fuq imsemmi. Hija qalet ukoll li bħalissa qed isir eżerċizzju fejn qed jiġi *updated* il-*fixed asset register* tal-Kunsill.

## 7. KUNTRATT (RM/PF) *Road Maintenance Works*

Is-Sindku rrefera għall-kuntratt hawn fuq imsemmi u qal li l-periti tal-Kunsill kellhom laqgħa maż-żewġ kuntratturi li tefgħu offerta għal din is-sejħa. Huwa qal li l-periti talbu xi nformazzjoni lil kuntatturi biex ikunu jistgħu jħejju *adjudication report* dwar din is-sejħa. Huwa qal li dan ir-rapport irid ikun lest sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ħalli jitlaqqa' l-Adjudication Committee u jkun jista' jieħu d-deċiżjoni finali.

## 8. KWOTAZZJONIJIET

### 8.1 *Q(57/12/08) - Supply and Installation of Internal and External Doors for Public Convenience*

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tagħlaq fis-16 ta' Awissu 2012 u ġie nnutat li kien hemm offerta waħda li kienet maqsuma f'żewg *options* kif ġej:

| Kuntrattur | Ammont (€) | Rimarki |
|---|---|---|
| Raymond Cuschieri | 5,405.00<br>4,915.00 | *Option* 1<br>*Option* 2 |

Il-Kunsill qabel li dawn l-offerti kienu għoljin ħafna u huma 'l fuq mill-*budget* li għandu l-Kunsill għal dan ix-xogħol. Ġiet nnutat ukoll li dawn l-ammonti jaqbżu massimu ta' €4,658.75. Is-Sindku nforma lil Kunsill li hu kien talab kwotazzjoni biex jitranġaw il-bibien preżenti li kienu saru mill-kuntrattur preċedenti li kien twaqqaf mill-Kunsill minħabba li x-xogħol ma kienx approvat mill-periti tal-Kunsill.

Huwa qal li din il-kwotazzjoni tammonta għal €600. Huwa ppropona li l-Kunsill jirranġa l-bibien eżistenti u jnaqqas din l-ispiża mill-kont tal-kuntrattur ħalli ma jkunx hemm aktar dewmien.

### 8.2 *Q(57/12/09) – Insurance Services*

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet għalqet propju llum it-Tnejn, 24 ta' Settembru 2012 f'nofsinhar. Għal din is-sejħa ntefgħu dawn l-offerti kif ġej:

| **Kumpanja** | **Ammont (€)** |
|---|---:|
| MIB Ltd. | 1,669.55 |
| All Care Insurance Brokers | 1,347.13 |
| KDM Insurance Brokers | 1,542.12 |
| Island Insurance Brokers | 1.298.60 |
| MelitaUnipol Insurance Brokers | 1,542.12 |

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tħejji *adjudication report* li għandu jintbagħt għall-attenzjoni u approvazzjoni tal-Kunsillieri.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Xogħol ta' Patching*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li Asfaltar Ltd. kienu lestew ix-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Fortizza**.**

### 9.2 *Q(57/12/07) - Supply and Installation of Photovoltaic Cells*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet saret laqgħa ma' rappreżentant ta' Frank Borda Ltd. dwar l-offerta hawn fuq imsemmija. Huwa qal li din kienet laqgħa fejn l-inġinier ta' din il-kumpanija ta spjegazzjoni teknika dwar il-prodotti li ġew ikkwotati f'din l-offerta. Huwa qal li l-informazzjoni li ngħatat kienet sodisfaċenti u nħarġet il-*letter of acceptance.*

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.00p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 8 ta’ Ottubru 2012 fit-3.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 8  ta' Ottubru 2012</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**